MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Numru. 543/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**MARIA ANNA GRIMA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Maria Anna Grima mart il-mejet M'Angelo u bint il-mejjet Giuseppe Agius u Giuzeppa nee` Portelli residenti Nru 15, Triq it-Torri, San Lawrenz, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 52031G) giet imressqa quddiemha akkuzata talli fil-10 ta' Novembru 2003 ghall-habta tal-11.00am fi Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex, waqt li kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni IAN 586 ta' l-ghamla Mini Metro,

1. Saqet l-istess vettura b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkagunat hsarat fuq vettura Nru JAX-013

ta' ghamla Hyundai Pony b'detriment ghal Giovanni Cauchi, kif ukoll hsarat ohra f'arblu, zewg fanali u zewg linji tad-dawl b'detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, f'cable b'detriment tal-Melita Cable Ltd, kif ukoll f'xi ballavostri tal-gebel b'detriment ta' Carmel Sacco mir-Rabat Ghawdex. (Art.38 Kap 9)

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil PS 755, lil Simon Montanaro in rapprezentanza tal-kumpanija Melita Cable TV Ltd, lil Carmel Attard in rapprezentanza tal-Korporazzjoni EneMalta, lil Carmel Sacco, lil Giovanni Cauchi u lill-imputata tixhed minn jeddha;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 15 (1) tal-Kap 65, MVR 1271, Legal Notice 128/1994, artikolu 328 tal-Kap 9.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-imputata hadet il-prekawzjonijiet necessarju sabiex tohrog ghal fuq *main road* fejn vettura ohra ghandha *right of way* u fil-fatt ex admissis fuq il-pedana tax-xhieda qalet "X'hin qed indawwar rajt lill-imputat magenbi u diehel f'arblu".

Konsegwentement il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputata hatja ta' l-akkuza ta' hsara involontarja lil Melita Cable minn liema akkuza tilliberaha u tiddikjara li ssib lill-imptuata hatja tal-akkuzi kollha l-ohra u komplessivament tikkundannaha ghall-hlas ta' multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------